# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF

# ONOR. TONI ABELA LL.D.

**Rikors numru 957/24TA**
**Fl-atti tar-Rikors Guramentat numru 709/2024TA u fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1243/2024**

**David Agius et**
**Vs**
**Andrew Vaswani et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' D. A. Holdings Limited (is-Socjeta' Rikorrenti) tat-30 ta' Awwissu 2024.

Rat ir-risposta ta' David Agius (l-intimat) tat-13 ta' Settembru 2024.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-procedura.

Semghet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors thalla' ghal digriet in camera.

**Ikkunsidrat**

Dak li qed titlob is-Socjeta' rikorrenti huwa li jigi revokat il-mandat ta' sekwestru numru 1243/2024 fl-ismijiet premessi ghaliex dak li qieghed jintalab fil-Kawza propja, li qieghda quddiem din il-Qorti kif presjeduta, ma jista' qatt iwassal ghal kundanna tas-Socjeta' rikorrenti ghalhekk, ikun xi jkun l-ezitu ta' din il-kawza ma hemm ebda ammont kannonizzabbli fil-konfront taghha ghaliex ma hemm ebda talba sabiex ikun hemm kundanna ghall-hlas minnha wara li jkunu likwidati d-danni. Targumenta li di fatti fl-istess rikors guramentat hemm dikjarat li "… liema danni jkunu likwidabbli f'kawza ohra istitwenda appositament".

Issa s-Socjeta' rikorrenti qieghda taghmel it-talbiet taghha ghar-revoka fost ohrajn abbazi tal-artikolu 836(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li att kawtelatorju jista' jigi revokat jekk m'ghadux fis-sehh. Wahda mir-ragunijiet meta l-mandat ma jkunx segwit minn Kawza li biha tigi dedotta l-pretensjoni fi zmien perentorju li trid il-ligi.

Dan ifisser li din id-dispożizzjoni hija marbuta mal-fatt li kull Mandat kawtelatorju jrid ikun segwit minn azzjoni li titlob deċiżjoni fil-mertu dwar il-jedd pretiż imħares b'dak il-Mandat. Din hija, normalment, l-unika waħda mis-sitt raġunijiet maħsubin fl-artikolu 836(1) fejn il-Qorti tista' tilqa' t-talba

għat-tħassir tal-Mandat b'sempliċi kostatazzjoni mill-atti, għaliex kull ma jkun irid isir hu li l-Qorti tara jekk tkunx tressqet il-kawża jew le.

Issa l-ligi ma taghti ebda definizzjoni ta' x'qed tifhem b'kawza ai fini ta' din il-Parti tal-Ligi. Ghalkemm huwa minnu li fil-Kawza proprja ma jidhirx li qed tintalab il-kundanna tas-Socjeta' rikorrenti ghall-hlas ta' danni likwidati, jekk jirriżulta li jkun il-kaz, il-kawza xorta saret ghal dikjarazzjoni tad-dritt pretis mis-Socjeta' intimata. Issa ormai huwa risaput li dawn il-Qrati dejjem sostnew li ma hiex prekluza li peruna tadixxi lil dawn il-Qrati biex totjeni merament dikjarazzjoni tad-dritt minghjar ma tkun konsegwita b'talba ghall-ezekuzzjoni tieghu.

Issa l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att inniffsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv (Ara **Sentenza Kumm GMA tat-23 ta' Gunju 1994 fl-ismijiet Paul Ħili et -vs- Dr. Joselle Farruġia noe et, mhix pubblikata**).

Ghalhekk il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li r-ras tal-ligi citat mis-Socjeta' rikorrenti ma hux applikabbli ghall-kaz odjern ghaliex il-mandat kawtelatorju ghall-effetti kollha tal-ligi gie fil-fatt konsegwit b'Kawza.

Is-Socjeta' rikorrenti qieghda wkoll tinvoka l-artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta ghar-revoka tal-mandat fuq imsemmi. Dan l-artikolu jiddisponi li r-revoka ta' mandat tista' tintalab ukoll jekk waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti.

Din id-dispożizzjoni, skond il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala referenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid **tkun naqset wara li nħareġ l-att**.

Il-ħtiġijiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) issir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwa sew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu (Ara **Sentenza tal-P.A. GC tat-3 ta' Awwissu 2001 fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Dr. Tonio Fenech noe et -vs- Dr. Patrick Spiteri noe et noe**).

Issa minn dak li fehmet il-Qorti, is-Socjeta' rikorrenti qed targumenta li dan il-mandat ma messux inhareg mill-bidu nett. Ma hiex targumenta li fil-mument li hareg kien regolari izda ma baqax hekk minhabba xi cirkostanza supervejenti u cioe' wara li ma tiggustifikax li l-mandat ghandu jibqa' in vigore.

Ghalhekk dan ifissser li l-ilment tas-Socjeta' rikorrenti ma jinkwadrax ruhu f'dak li trid din ir-ras tal-artikolu 836.

Fl-ahhar nett il-Qorti trid tqies haga ohra. Huwa minnu li fir-rigward tat-talbiet fil-kawza propja kull ma huwa jintalab fil-konfront tas-Socjeta' rikorrenti hija dikjarazzjoni tad-dritt pretiz. Imma ma hemm xejn xi jzomm lis-Socjeta' intimata li mat-tmien tal-kawza li hemm pendenti bejniethom mill-ewwel tistitwixxi proceduri biex titlob il-kundanna tal-hlas tas-Socjeta' rikorrenti fil-kaz li jinstab li hija ghandha thallas xi somma abbazi tad-dikjarazzjoni ottenuta f'dik il-Kawza.

Ghalhekk bil-mandat odjern qed tikkonserva kawtelatorjament l-ammont li talvolta jista' jkun dovut bil-kawza odjerna, b'kawza ohra akkompanjata minn mandat kawtelatorju iehor fuq l-ammont diga' kawtelat u li ovvjament dak odjern irid ikun cedut. Dan qieghed jinghad partikularment jekk is-sekwestratarji jigu msejjha biex jghaddu ghad-depositu tal-flejjes li ghandhom mizmuma f'idejhom.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiċħad it-talbiet kollha tas-Socjeta' rikorrenti.

Spejjes riservati għal mal-ġudizzju finali.

Illum, 23 ta' Settembru 2024

**ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.**